## 27 ta' Frar, 1995

## Imħallef:-

## Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.

Joseph Naudi Montalto *noe*

*versus*

Emmanuel Xuereb

## Kontumaċja - Ġustifikazzjoni ta' Kontumaċja

*L-istitut tal-kontumaċja huwa bbażat fuq il-presuppost illi l-konvenut, bin-nuqqas tiegħu, wera kontumelja u dispett għas-sejħa tal-Qorti meta huwa ġie kkonvenut bl-avviż, ċitazzjoni, libell jew petizzjoni u hija din id-disobbidjenza animata psikoloġikament b'dawk il-fatturi ta' kontumelja u dispett li l-liġi trid tirreprimi u tippunixxi, in kwantu kontumaċja bħal dik hi element ta' disordni soċjali.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur ippremetta illi fs-6 ta' Lulju, 1992 fis-Salina, Baħar iċ-Ċagħaq, il-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura numru ta' reġistrazzjoni R-0318 bi traskuraġni, negliġenza u non osservanza tar-regolament tat-traffiku, ħabat ġol-vettura numru ta' reġistrazzjoni B-8853, proprjeta` ta' Anthony Falzon, li huwa assigurat b'polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* ma' l-attur;

Ippremetta illi l-attur ħallas għall-ħsarat u danni kollha konsegwenzjali tal-fuq imsemmi inċident stradali, liema ħsarat u danni jammontaw għal tliet mija u ħamsa u sebgħin lira maltija u wieħed u disgħin ċenteżmu (Lm375.91);

Ippremetta illi l-konvenut għalkemm interpellat diversi drabi biex iħallas, anke permezz ta' ittra uffiċjali tat-28 ta' Ottubru, 1993 xorta waħda baqa' inadempjenti;

Talab għalhekk li din il-Qorti:

1) tiddikjara li l-konvenut hu responsabbli għall-inċident fuq imsemmi;

2) tikkundannah iħallas is-somma ta' tliet mija u ħamsa u sebgħin lira maltija u wieħed u disgħin ċenteżmu (Lm375.91) danni u ħsarat konsegwenzjali tal-fuq imsemmi inċident;

Bl-ispejjeż u interessi legali, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-28 ta' Ottubru, 1993 kontra l-konvenut;

Rat li l-konvenut ġie debitament innotifikat fil-25 ta' Lulju, 1994 u ppreżenta l-eċċezzjonijet tiegħu fit-2 ta' Settembru, 1993 u ċjoe` wara ż-żmien stabbilit mil-liġi;

Rat il-verbal tas-17 ta' Novembru, 1994;

Semgħet ix-xhieda tal-konvenut (u martu) biex jiġġustifika l-kontumaċja;

Illi l-prinċipji li jirregolaw il-materja ta' ġustifikazzjoni tal-kontumaċja ġew miġbura fil-kawża **Vittorio Cassar *vs* Carmelo Vassallo** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Mejju, 1937 (Vol. XXIX p.1 p.1581 - ara wkoll **Paul Grixti *vs* Direttur Xogħlijiet Pubbliċi** deċiż mill-Qorti ta' l-Appelli Ċivili fit-12 ta' Diċembru, 1975 li tirreferi għall-istess prinċipji). Dawn il-prinċipji huma:

1. Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;

2. Anqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;

3. Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi ppruvata kawża ġusta;

4. Dina l-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;

5. L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaċi;

6. L-iżball mhux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibili għaliex jekk ikun vinċibili, allura jiġi ekwiparat għall-kolpa;

7. Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal *una necessita` impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*;

8. L-impossibilita` li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali";

(Ara wkoll Vol. XXXV.1.323; Vol. XXXVI.1.388; Vol. XXXXVI.11.484; Vol. XLIII.1.545, 605, Vol. XLVI.1.533, 542, 545, 546);

"L-istitut tal-kontumaċja huwa bbażat fuq il-presuppost illi l-konvenut, bin-nuqqas tiegħu wera kontumelja u dispett għas-sejħa tal-Qorti, meta huwa ġie kkonvenut bl-avviż, ċitazzjoni, rikors, libell jew petizzjoni u hija din id-disobbedjenza, animata psikoloġikament b'dawk il-fatturi ta' kontumelja u dispett li l-liġi trid tirreprimi u tippunixxi, inkwantu kontumaċja bħal dik hi element ta' disordni soċjali;

Għalhekk meta kwalsiasi Qorti tiġi kkonfrontata b'kontumaċja

formali ma jkollhiex ukoll il-konvinzjoni ċerta u soda ta' dan l-aspett negattiv tan-nuqqas tal-konvenut, allura jkun jeħtieġ eżami ulterjuri tal-fatturi l-oħra neċessarji biex dik il-konvinzjoni tiġi ffurmata. U hekk titlob ir-raġuni ġuridika ta' sitwazzjoni fejn il-konvenut se jiġi kkundannat fl-assenza ta' difiża";

(Ara App. Kumm. tal-21.5.93 - **J. Vella** *pro et noe vs* **J. Vella** u App. Ċiv. **P. Grech** *noe vs* **N. Zammit** ta' l-14.1.93);

Fil-każ in eżami l-konvenut spjega li hu ma jafx jaqra u jikteb u li kienet martu li qaltlu li kien irċieva ittra dwar il-każ. Hu xehed li martu ma qaltlux li kellu 20 ġurnata żmien biex jippreżenta l-eċċezzjonijiet. Hu sar jaf wara mingħand ta' l-*insurance* li kellu jmur il-Qorti. Dan ikkonfermatu martu. Hu fil-fatt imbagħad mar għand l-avukat u ppreżenta l-eċċezzjonijiet;

Mill-provi prodotti l-Qorti għalhekk ma tistax tikkonkludi li kien tort tal-konvenut li hu ma ppreżentax l-eċċezzjonijiet *entro termine* u għalhekk lanqas ma tista' tgħid li l-konvenut wera xi kontumelja lejn il-Qorti. Malli l-konvenut sar jaf bil-posizzjoni tiegħu hu mill-ewwel aġixxa;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' t-talba tal-konvenut u stante li hu diġa' ppreżenta nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu, tiddikjara li m'hemmx lok li jerġa' jippreżenta eċċezzjonijiet oħra;

L-ispejjeż ta' dina d-deċiżjoni jibqgħu a karigu tal-konvenut;

Il-kawża tibqa' differita għall-provi ta' l-attur għall-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu, 1995 fil-10.45 a.m.